MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 1191/1997/1

Carmelo Pace
vs
Ministru tas-Sahha, tal-Kura tal-Anzjani u Affarijiet tal-Familja u c-Chief General Medical Officer

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors illi huwa qed iressaq il-kaz tieghu kontra l-intimati quddiem dana t-Tribunal minhabba ingustizzja gravi li huwa bata, bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 minhabba l-agir illegali u diskriminazzjoni anki politika tal-intimati.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif ser jinghad:
Illi huwa kien impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha sa mill-1975 bhala Labourer. Izda huwa kien ghamel zmien isuq l-Ambulanza fl-Isptar San Luqa. Dana sa meta fl-1981 kien applika w inghata x-xoghol ta’ ambulance Driver fl-

istess Sptar. Huwa baqa' jahdem fl-Isptar San Luqa bhala tali sal-1987.

Illi kif appena nbidel il-Gvern fl-1987 huwa mall-ewwel, fl-1 ta' Gunju 1987 kien gie nfurmat biex jibda jirrapporta ghax-xoghol mal-MT Section ta' Hal Kirkop u dana minghajr ebda raguni valida fil-ligi. Hawnhekk huwa kellu jibda jsuq vetturi u trakkijiet kbar tal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici, mentri huwa kien segwa korsijiet u kien gie regolarment mahtur u kellu l-grad ta' "Ambulance Driver". Dana barra l-fatt li huwa kien ukoll imharreg fil-First Aid.

Illi kemm dam mal-MT Section mal-Ministeru tax-Xogholijiet huwa ha diversi trasferimenti minn post ghal iehor. Huwa kien dak iz-zmien jirrisjedi f'Ta' Giorni u ghaldaqstant kien ikollu jirkeb diversi karozzi kull jum biex imur u jigi minn fuq il-post tax-xoghol. Jinghad ukoll li huwa kien attiv fil-Union tieghu, il-GWU u kien ukoll "Steward" fis-sezzjoni tieghu.

Illi huwa hass li mieghu saret ingustizzja gravi peress li filwaqt li huwa kien appuntat regolarment bhala "Ambulance Driver" kien intbaghat jaghmel xoghol li ma kienx imharreg fih. Dana lilu kkawzalu danni kemm f'telf ta' promozzjonijiet kif ukoll f'telf finanzjarju f'telf ta' paga ahjar u ta' allowances meta kien jahdem fil-Hdud u l-festi. Dana tilfu ghal diversi snin qabel ma spicca mix-xoghol.

Illi billi llum huwa pensjonant sofra danni wkoll billi llum qed jiehu pensjoni biss skond il-paga li kellu u mhux skond il-grad li kien jisthoqqlu u minghajr id-dhul mill-allowances u beneficcji li kellu bhala "Ambulance Driver".

Illi biex isostni l-ilment tieghu dwar ingustizzja u diskriminazzjoni politika kontra tieghu huwa kien ser igib ix-xhieda msemmija fl-elenku tax-xhieda biex jixhdu dwar l-ilment tar-rikorrent, kif ukoll dawk id-dokumenti relatati kif elenkati.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji li jisma' dwar dan l-ilment

skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji jiddeciedi dwar il-kaz billi:

1. jikkundanna lill-intimati jew min minnhom jew flimkien sabiex jikkumpensaw lir-rikorrent ghad-dannu li bata' f'telf ta' qliegh f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000.

2. jikkundanna lill-intimati flimkien jew min minnhom sabiex jaghmlu dawk l-aggustamenti kollha mehtiega sabiex huwa jibda jippercepixxi dik il-pensjoni xierqa skond id-dhul li huwa kellu dritt ghalih kif fuq inghad.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi t-transfers li jinghataw isiru skond l-esigenzi tas-servizz ta' dak inhar li jigu effettwati u dan kollu ai termini ta' l-appointment tal-haddiema koncernati kif jidher car minn Dok A prezentat mir-rikorrent innifsu.

Ghaldaqstant l-intimat talab lit-Tribunal illi jichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez stante illi infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda prezentat mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li kien jahdem bhala driver fil-Ministeru tas-Sahha u kien stazzjonat fl-isptar San Luqa.  Qal li hu kien isuq l-ambulanzi meta

f'Lulju 1987 kienu baghatu ghalih u qalulu li kellu jmur Hal-Kirkop. Semma li hu kien mar fil-Personnel Department u kien kellem lil certu Emmanuel Cortis, li qallu li ma jaf xejn fuq it-trasferiment tieghu. Wara kien irrizultalu li l-ittra tat-trasferiment kienet gejja minghand Spiteri Bailey, is-Segretarju privat tal-Ministru. Spjega li meta telaq minn driver tal-ambulanzi kienu baghtu lil certu Baldacchino minfloku. Zied ighid li kellu permess tas-sewqan specjali biex isuq l-ambulanza u f'Hal-Kirkop kien intbaghat isuq vetturi kbar. Semma li hu kien steward tal-General Workers Union meta kien isuq l-ambulanzi u dan Baldacchino li baghtu minfloku kien fil-Union Haddiema Maghqudin. Fl-ahharnett qal li sakemm spicca bil-pensjoni f'Ottubru 1994, baqa' dejjem hemmhekk fil-garaxx tal-Gvern f'Hal-Kirkop u li baqa' jitlef l-allowance ta' madwar Lm45 fix-xahar u l-hlas doppju tal-Hdud u l-festi li kien jiehu qabel.

Saret referenza ghall-affidavits moghtija minn Carmen Canataci, Salvu Lautier fir-rikors numru 392/97 fl-ismijiet Carmen Canataci vs Dipartiment tas-Sahha. Saret referenza wkoll ghall-affidavit ta' Paul Fenech u ghax-xhieda ta' Rose Schembri, Joseph Zammit, Albert Caruana, Ray Azzopardi u Saviour Lautier fir-rikors numru 15/97 fl-ismijiet Paul Fenech vs il-Ministru responsabbli ghas-Sahha et. Saret referenza wkoll ghax-xhieda ta' Emanuel Delceppo, Andrew Buhagiar u Frank Attard fir-rikors numru 706/97 George Falzon vs Direttur tas-Sahha.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi r-rikorrent qieghed jilmenta fuq transfer u fuq il-pensjoni tieghu li giet affettwata.

A] **Transfer tar-rikorrent.** Ir-rikorrent jilmenta li gie moghti t-transfer minghajr raguni valida u li kawza ta' dan it-transfer hu bata' personalment billi kellu jsuq vetturi kbar tal-garage tal-Gvern li ma kienx imdorri ghalihom u kellu distanza ikbar biex imur il-post tax-xoghol kif ukoll tilef l-allowances li kien jiggwadanja precedentement meta kien Ambulance Driver.

Illi sfortunatament f'dan ir-rikors ghalkemm il-partijiet ghazlu li jimlew il-process b'114-il pagna, il-provi huma limitatissimi minhabba l-fatt li saret kwantita` ta' referenza ghal deposizzjoni u decizjonijet ta' kawzi ohra li kien hemm quddiem it-Tribunal u li ma kienet necessarja ebda referenza ghalihom ghax mhux pertinenti ghal kaz. Inoltre l-intimat prattikament ma ghamel provi ta' xejn.

Irrizulta li r-rikorrent kien jahdem ta' Ambulance Driver u sostna li kellu tali grad. Ma rrizultawx ilmenti dwar xi xoghol hazin jew aspetti negattivi fuq ix-xoghol tieghu. Irrizulta li ftit wara l-elezzjoni ta' l-1987, ir-rikorrent gie trasferit ghall-garage tal-Gvern u minfloku giet persuna ohra li kienet membru tal-Union ohra u dan wara li nkitbet ittra biex isir it-transfer minn segretarju privat ta' Ministru. Fl-eccezzjonijiet tieghu l-intimat sostna li t-transfer sar kawza ta' l-esigenzi tas-servizz. Issa t-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Illi l-intimat f'ebda stadju tal-proceduri ma ta raguni valida ghat-trasferiment tar-rikorrent u ghalhekk tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat relattivi ghal dak l-aspett.

B] **Nuqqas ta' promozzjoni u konsegwenti pensjoni aktar gholja.** Ir-rikorrenti jilmenta wkoll li minhabba t-

trasferiment li ha tilef l-opportunita` li javvanza u b'hekk ikun jista' jippercepixxi pensjoni aktar gholja.  Izda r-rikorrent l-anqas biss indika liema promozzjoni fil-fehma tieghu tilef, la semma liema grad, la semma liema cirkolari tal-Gvern harget relattivament ghal post imsemmi u l-anqas min huma l-persuni li gew mahtura u li  hu ma giex mahtur ghaliha.  Illi konsegwentement it-Tribunal bilfors li jsib tali ilment mhux sostenibbli u jilqa' l-eccezzjoni relattiva ta' l-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment tar-rikorrent referibbilment ghat-trasferiment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna  rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira Maltin [LM2000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------